MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2024

Avviż Numru: 219/2023NHV

**Joseph Spiteri**
(KI570155M)

**vs.**

**Carmen Spiteri**
(KI465460M)

## SENTENZA PRELIMINARI

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-06 ta' Settembru 2023[1], li permezz tiegħu, ir-rikorrent talab il-ħlas tas-somma li kellha titħallas lilu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru 2018 wara l-bejgħ ta' fond 103, Lechuza, Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, Malta nhar it-30 ta' Diċembru 2022, u li minflok tħallset indebitament lill-intimata.

[1] Fol. 1 tal-proċess;

Intalab ukoll l-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv. Ġie dikjarat mir-rikorrent li din is-somma ma teċċedix il-kompetenza ta' din il-Qorti u tammonta għal mhux aktar minn sebat'elef ewro (€7,000).

Rat id-digriet tat-12 ta' Settembru 2023[2] mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn kien hemm l-**astensjoni** tal-Maġistrat sedenti li ordnat lir-Reġistratur (Qrati u Tribunali Ċivili) sabiex din l-istess kawża tiġi assenjata lil Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-**riassenjament** ta' din il-kawża ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili datat 15 ta' Setembru 2023.[3]

Rat li l-Qorti kif diversament presjeduta kienet **appuntat** din il-kawża għas-smigħ għas-seduta tal-15 ta' Novembru 2023.[4]

Rat li l-partijiet ġew debitament **notifikati** bl-avviż.[5]

Rat ir-**risposta** tal-konvenuta Carmen Spiteri[6] fejn laqgħet għat-talba u eċċepiet li:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament jiġi rilevat illi evidentement il-pretensjoni tal-attur ma tistax tintlaqa' u hija inammissibbli billi kjarament si tratta minn esekuzzjoni ta' sentenza u mhux minn pagament indebitu; il-mertu ta' din il-kawża jikkostitwixxi "res judicata" u l-attur ma jistax jippretendi li jbiddel dak li huwa diġa' deċiż b'ġudikat billi jerġa' jiftaħ proċeduri oħra dwar mertu li diġa' huwa deċiż. Se mai jekk l-attur jidhirlu huwa għandu jirċievi xi ħlas in bażi għal sentenza li għaddiet in ġudikat din tkun kwistjoni ta' eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv u mhux kwistjoni li tista' titressaq b'kawża ġdida; għalhekk din il-kawża għandha tfalli billi dwar il-pretensjonijiet tal-attur jeżisti l-ġudikat bis-saħħa tas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018 u d-digrieti sussegwenti li ordnaw eżekuzzjoni tal-istess sentenza, għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina li tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-attur,

[2] Fol. 3 u 4 tal-proċess;
[3] Fol. 5 tal-proċess;
[4] Fol. 6 tal-proċess;
[5] Fol. 9 tal-proċess;
[6] Fol. 10 u 11 tal-proċess;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi esponenti ma tħallset ebda somma b'rabta mal-bejgħ tal-fond in kwistjoni li ma kienitx awtorizzata mill-Qrati (inkluż b'titoli eżekuttivi u digrieti tal-Qrati) u għalhekk l-attur ma setax jipproċedi b'din it-talba ġaladarba hemm atti ġudizzjarji validi li għadhom in vigore u li in forza tagħhom l-esponenti rċeviet il-ħlas tagħha;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u preliminarjament ukoll jiġi rilevat illi l-attur kien rappreżentat minn kuraturi fuq il-kuntratt tat-30 ta' Diċembru 2022 u kull ma għamlu l-istess kuraturi kien jorbot lilu wkoll u għalhekk issa ma jistax jippretendi li jerġa lura minn dak li sar għan-nom tiegħu; għalhekk fl-aħjar ipotesi għall-attur ifisser li l-attur l-anqas għandu interess ġuridiku li jressaq din it-talba, filwaqt li fl-agħar ipotesi għall-attur jista' biss ifisser illi jekk sofra xi telf jew dannu allura *imputet sibi* [recte: sibi imputet];

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat fil-mertu illi t-talba kif magħmula hija vaga wisq u qabel xejn l-attur għandu jindika b'mod ċar liema huma l-ammonti huwa qiegħed jirreferi għalihom u li jippretendi li kellhom jitħallsu lilu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru 2018, għaliex l-esponenti ma tistax tirregola ruħha jekk il-pretensjoni tal-attur ma tiġix ben identifikata;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi fi kwalsijasi każ il-kuraturi għaddew biex iddepożitaw flejjes b'ċedola fil-Qorti liema flejjes Joseph Spiteri baqa' ma talabx l-iżbank tagħhom u għalhekk ma jistax jippretendi li jiġbor mingħand esponenti flejjes li diġa' jinsabu depożitati f'ismu fil-Qorti;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi l-esponenti ma tħallset ebda somma b'rabta mal-bejgħ tal-fond in kwistjoni li ma kienitx awtoriżżata mill-Qrati (inkluż b'titoli eżekuttivi) u għalhekk l-attur ma jistax jgħid li l-esponenti rċeviet xi pagament indebitu;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi fil-fatt huwa l-attur li baqa' ma ħallasx lill-esponenti flejjes dovuti lilha u spejjeż li ġew inkorsi minnha u li suppost kellhom jiġu sopportati mill-attur, u li baqa' ma ħallasx dak kollu li kellu jħallas skont is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi rilevat illi l-elementi tal-indebiti solutio ma jissussistux u għalhekk it-talbiet tal-attur ma jistgħux jintlaqgħu;

9. Illi fi kwalsijasi każ u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti dejjem aġixxiet bil-buona fede u mxiet skont l-awtorizżazzjoni tal-Qrati u għalhekk ikun x'ikun l-eżitu ta' din il-proċedura hija ma għandhiex tbati spejjeż;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti tipprotesta ruħha għall-ispejjeż ukoll stante li din il-proċedura saret inutilment u l-attur minkejja sentenza ta' separazzjoni personali li nqatgħet definittivament ħames snin ilu għadu jintavola kawża wara l-oħra biex ikompli jivvessa lill-esponenti;

11. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu riġettati;

Bl-ispejjeż.

Rat d-digriet tal-Qorti tal-15 ta' Novembru 2023,[7] li permezz tiegħu, wara li eżaminat prima facie ċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li semgħet lill-partijiet, u rat l-Artikolu 171A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qieset li ma hemmx raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-**medjazzjoni** u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Rat li l-Qorti kif diversament preseduta permezz ta' digriet mogħti waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru 2023,[8] ordnat l-**inverżjoni tal-provi** rigward l-ewwel tliet eċċezzjonijiet.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li l-partijiet infurmaw lill-Qorti li minkejja li ppruvaw jitransiġu l-vertenza, din it-tranżazzjoni ma seħħitx.

Rat il-**provi** kollha mressqa mill-konvenuta dwar dawn l-ewwel tliet eċċezzjonijiet, fosthom:

---

[7] Fol. 14 tal-proċess
[8] Fol. 13 tal-proċess

Il-provi dokumentarji li ġew ippreżentati permezz ta' nota ntavolata nhar il-15 ta' Diċembru 2023[9] li huma:

A. Kopja ta' kuntratt ta' self, bejgħ u kanċellament relatat mal-fond 'Lechuza' fi Triq Giovanni Barbara fil-Ħamrun tat-30 ta' Diċembru 2022 bid-dokumenti miegħu, li jinkludu wkoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru 2018 fil-kawża 70/2009. Illi l-Qorti tosserva li permezz ta' dan il-kuntratt, inbiegħ dan il-fond lil ulied il-partijiet, u ġew elenkati d-digrieti mogħtija preċedenti għall-bejgħ fejn fost l-oħrajn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet tal-14 ta' Diċembru 2021 laqgħat it-talbiet ta' Carmen Spiteri mressqa permezz tar-rikors tagħha datat 15 ta' Ġunju 2021 u ċioè li Joseph Spiteri jersaq għall-bejgħ tal-fond imsemmi u sabiex jiġu maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Joseph Spiteri fl-eventwali kontumaċja tiegħu, u ffissat terminu ta' sitt xhur għall-pubblikazzjoni tal-att, kif ukoll ġiet annessa d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) mogħtija nhar l-14 ta' Diċembru 2018 li permezz tagħha kkonfermat partijiet mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 27 ta' Ottubru 2016, filwaqt li varjat partijiet oħra mill-istess sentenza, b'dan illi kkonfermat li l-fond bl-isem 'Lechuza' kellu jinbiegħ;
B. kopja ta' rikors tal-15 ta' Ġunju 2021 fl-atti tal-kawża 70/2009 u tad-digrieti relattivi u sussegwenti;[10]
C. kopja ta' rikors tas-26 ta' Mejju 2022 fl-atti tal-kawża 70/2009 u tad-digriet relattiv;[11]
D. kopja tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 230/2022 fl-ismijiet Carmen Spiteri vs Joseph Spiteri.[12]

Rat illi permezz ta' nota ntavolata nhar il-15 ta' Jannar 2024,[13] l-attur Joseph Spiteri ressaq diversi workings tiegħu relattivi għal dak għall-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti xolta mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[14] u x-xoljiment ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell[15], kif ukoll ix-xiehda tiegħu mressqa permezz ta' affidavit fejn jispjega kif interpreta l-qsim u l-allokazzjoni tar-rikavat mill-bejgħ tal-fond bl-isem Lechuza, u jgħid li dan il-qsim qatt ma ġie deċiż minn ebda Qorti. Jindika li din il-kwistjoni qamet wara li ġie notifikat b'ċedola ta' depożitu numru 80/2023 datata Jannar 2023, u jgħid

[9] Fol. 15 et seq tal-proċess;
[10] Fol. 115 sa 124 tal-proċess;
[11] Fol. 148 et seq. tal-proċess;
[12] Fol. 64 sa 107 tal-proċess;
[13] Fol. 125 sa 130 tal-proċess;
[14] Sentenza bejn il-Partijiet deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), deċiża nhar is-27 ta' Ottubru 2016, ġia ċitata *supra;*
[15] Sentenza bejn il-Partijiet deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri), deċiża nhar l-14 ta' Diċembru 2018, ġia ċitata *supra;*

li b'hekk sar jaf li l-flus ma tqassmux skont kif ordnat il-Qorti. L-attur jispjega li din il-kawża tirrelata mal-mod kif sar it-tqassim tal-flus u mhux dwar is-sentenza nnifisha. Huwa jgħid li minħabba l-mod kif tqasmu l-flus, il-konvenuta arrikkiet ruħha indebitament a spejjeż tiegħu. Illi r-rikorrent juri b'dokument immarkat 'JS2' anness mal-affidavit tiegħu kif inħadem il-kont[16] u kif kellu jinħadem il-kont.[17]

Rat li l-attur xehed in kontro-eżami[18] li kkonferma li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti kienet spiċċa b'sentenza ta' separazzjoni mill-Qorti tal-Appell, li tindika wkoll kemm għandu jagħti flus lill-konvenuta u kemm għandha tagħti flus il-konvenuta lill-attur. Hemm ukoll indikat x'kellu jsir mill-fond imsemmi wara s-sentenza, ikonferma li kien hemm digrieti tal-Qorti tal-Familja li ordnawlu li jbiegħ sehmu minn dan il-post lit-tfal tiegħu. Jispjega li huwa għażel li ma jmurx għall-kuntratt għaliex kellu konvenju li kien għal valur ogħla u prezz aħjar. Jgħid li kienu dehru kuraturi maħturin mill-Qorti għan-nom tiegħu, mhux għaliex ma riedx li ma jsirx il-kuntratt imma għaliex kellu konvenju biex il-bejgħ isir bi prezz aħjar. Jispjega li huwa ġabar l-irċevuti u jaf li l-kont ma nħadimx tajjeb. Ikkonferma li jaf li l-flus li ġabru l-kuturi ġew depożitati l-Qorti, iżda ma jistax jiżbankhom peress li għandu sekwestru kontrih intavolat mill-intimata.

Rat il-kopja tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 26 ta' Marzu 2024[19] ippreżentata mir-rikorrent, li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-talba fejn ħassret f'parti mill-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 230/2022.

Rat in-nota b'dokumenti ulterjuri ppreżentata mill-konvenuta[20] b'kopja ta' rikors datat 26 ta' Mejju 2022 intavolat mill-konvenuta fl-atti tal-kawża 70/09/RGM Carmen Spiteri vs Joseph Spiteri flimkien mad-dokumenti ppreżentati mal-istess rikors.

Rat li fis-seduta miżmuma nhar l-10 ta' Ġunju 2024, il-Partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata.[21]

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet fuq l-ewwel tliet eċċezzjonijiet waqt l-udjenza ta' nhar l-10 ta' Ġunju 2024.[22]

---

[16] Fol. 127 u 128 tal-proċess;
[17] Fol. 127 u 128 tal-proċess;
[18] Waqt is-seduta miżmuma nhar il-05 ta' Frar 2024, quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta
[19] Fol. 134 sa 138 tal-proċess;
[20] Fol. 147 sa 201 tal-proċess;
[21] Fol. 146 tal-proċess;
[22] Fol. 202 et seq. tal-proċess;

Rat li din il-kawża tħalliet għas-sentenza preliminari dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-intimata.[23]

**Kunsiderazzjonijiet**

Din is-sentenza titratta dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuta.

Fis-suċċint irriżulta li l-partijiet kienu miżżewġin u r-relazzjoni tagħhom kienet intemmet u issa hija regolata permezz ta' dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha mogħtija nhar l-14 ta' Diċembru 2018, u kull digriet u azzjoni oħra li ngħataw f'dan ir-rigward, inkluż dawk id-digrieti wkoll ippreżentati in atti.

Illi r-rikorrent qiegħed iressaq din l-azzjoni għall-ħlas u dan peress li huwa jallega li l-kont kif kien maħdum mill-intimata, kien maħdum ħażin u għalhekk huwa jispjega li l-azzjoni hija relatata ma' kif saru l-konteġġi minn fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Il-konvenuta laqgħet għal din it-talba b'diversi eċċezzjonijiet, fosthom tliet eċċezzjonijiet preliminari, u ċioè li: 1) l-kawża hija 'res judicata'; 2) mingħajr preġudizzju għal dan, li l-konvenuta mxiet mad-deċiżjoni tal-Qorti; u 3) mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li l-attur kien rappreżentat minn kuraturi fuq il-kuntratt ta' bejgħ.

<u>L-ewwel eċċezzjoni preliminari – 'res judicata'</u>

L-effett ta' 'res judicata' iwaqqaf milli l-Qorti u l-partijiet jerġgħu jidħlu fi kwistjoni li tkun ġia ġiet deċiża b'mod konklussiv. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet <u>Beltram Camilleri vs. Paolo Pace noe</u>,[24] qalet "*l'effetto precipuo della cosa giudicata è di evitare ogni esame su ciò che non formò subietto; ed una volta ammessa l'esistenza del giudicato su di un punto di questione, è assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso.*"

Illi l-elementi rikjesti sabiex tintlaqa' eċċezzjoni ta' res judicata, għandu jkun hemm tliet elementi li jissussistu kollha flimkien, u ċioè '*eadem persona*', '*eadem res*' u

[23] Fol. 146 tal-proċess;
[24] Deċiż 5 ta' Novembru 1951;

'*eadem causa petendi*'. Jekk tonqos waħda minn dawn it-tliet rekwiżiti l-eċċezzjoni tar-'res judicata' ma tistax tiġi milqugħa.[25]

L-element tal-eadem personae

Dan l-element jirrelata ma' jekk il-partijiet fil-kawża humiex l-istess. Fis-sentenza tagħha, fl-ismijiet Charles Grixti vs. Salvino Schembri et,[26] il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li "biex din l-eċċezzjoni tista' tirnexxi hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrix l-ewwel element tal-ġudikat, dak, jiġifieri, jekk is-sentenza ġa msemmija kienitx ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni li jidhru bħala kontendenti fil-kawża odjerna."

F'dan il-każ li għandha quddiemha l-Qorti, irriżulta b'mod ċar u kkonfermat miż-żewġ partijiet li huma l-istess nies involuti fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Diċembru 2018, u għalhekk l-element tal-eadem personae huwa sodisfatt.

Il-Qorti se tgħaddi biex tkompli tistudja ż-żewġ elementi l-oħra tal-eċċezzjoni tar-res judicata, sabiex tara jekk humiex sodisfatti jew le fil-kawża li għandha quddiem.

L-element tal-eadem res

Dan l-elementi fi kliem ieħor jirrigwarda l-identità tal-oġġett, bejn dak li kien mitlub f'kawżi u azzjonijiet preċedenti u dik l-azzjoni li tkun inġiebet quddiem il-Qorti fi proċeduri sussegwenti. Dan qiegħed ukoll provdut fil-Kodiċi Ċivili Taljan tas-sena 1865 li jistipola: "*Bisogna che la cosa domandata sia la stessa.*"

L-istudjuż Laurent[27] jispjega li sabiex jissussiti l-element ta' 'eadem res' "*la seconda sentenza, supponendola emessa conformamente alle conclusioni principali o riconvenzionali delle parti, distruggerebbe in primo in tutto od in parte. Se la seconda sentenza, supposta conforme alle conclusioni delle parti fascia sussistere la sentenza precedente e non la contraddice la cosa domandata non sarà la stessa.*"

Fil-każ odjern, il-Qorti tosserva li t-talba mressqa quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u wara deċiża mill-Qorti tal-Appell hija relatata mas-separazzjoni tal-partijiet, il-ħtija tat-tkissir taż-żwieġ, u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti u oġġetti parafernali;

---

[25] Skorta ta' deċiżjonijiet ta' qrati tagħna, fosthom: Joseph Tanti vs. Anthony Ciappara et deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar il-5 t'April 1963; Lucy Bezzina vs. Paolo Farrugia deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ nhar id-29 ta' Ottubru 1963; Michele Tabone vs. Maria V Mifsud deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Marzu 1954;
[26] Deċiż 11 t'April 1958;
[27] Laurent F, PRINCIPII DI DIRITTO CIVILE, Milano, SEL. 1903;

min-naħa l-oħra dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti jiċċara kemm fl-affidavit tiegħu kif ukoll in kontro-eżami tiegħu li "din il-kwistjoni hija dwar kif ġie allokat ir-rikavat mill-bejgħ tal-fond" [...] "din il-kwistjoni mhijiex dwar is-sentenza. Iżda dwar il-mod kif tqassam ir-rikavat mill-bejgħ tal-fond, liema mod sar kontra u mhix in konformità mal-istess sentenza."[28]

Illi l-Qorti tikkonsidra li l-eżitu tat-talba mressqa quddiem din il-Qorti ma hijiex bl-ebda mod se tibdel l-eżitu tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li għaddiet in ġudikat, stante li t-talba ma tirrelatax mal-mod kif saret il-qasma iżda dwar kif saru l-konteġġi magħmula wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell.

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Oscar Azzopardi vs. Gerard Cuschieri,[29] ikkonkludiet li, "L-element tal-identità tal-ħaġa mitluba fil-kawża l-oħra u dik fil-kawża preżenti ma jaqblux, ċioè mhumiex identiċi sabiex ikun jista' jingħad li setgħu seħħew l-elementi meħtieġa għal fondantezza ġuridika tal-eċċezzjoni tal-ġudikat."

Illi għalhekk bl-istess mod, din il-Qorti tikkonsidra li l-ħaġa mitluba fil-kawża 70/2009 bejn l-istess partijiet hija differenti mill-hekk imsejħa ħaġa mitluba f'dawn il-proċeduri, u għaldaqstant l-element essenjali tal-eadem res ma ġiex sodisfatt.

L-element tal-eadem causa petendi

Dan l-element jirrelata dwar dak li Mattirolo,[30] jispjega li huwa "*la causa, di cui qui si ragiona, consiste nel titolo, ossia nel fatto giuridico che sta a fondamento de/ diritto dedotto in giudizio.*" Fi kliem ieħor il-*causa petendi* tikkonsisti f'dik li l-pretensjoni mressqa quddiem il-Qorti.

Sabiex wieħed jgħid li jeżisti l-eadem causa petendi, il-kawżali tat-talba għandhom ikunu identiċi fil-proċeduri differenti. Fil-każ in eżami, il-kawżali tat-talba hija s-somma dovuta lir-rikorrent wara l-eżekuzzjoni ta' dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha bin-numru 70/2009. Għalhekk il-Qorti tikkonsidra li l-eadem causa petendi ma teżistix f'dan il-każ in eżami.

Illi għalhekk stante li l-elementi sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' res judicata ma ġewx kollha sodisfatti, il-Qorti qiegħda tiċħad din l-eċċezzjoni u se tkompli billi tevalwa u tistudja l-eċċezzjoni preliminari li jmiss.

---

[28] Fol. 126 tal-proċess;
[29] Deċiża 19 ta' Diċembru 1960;
[30] Mattirolo L. TRATTATO DI DIRITTO GIUDIZIARIO CIVILE ITALIANO. Torino. Bocca, 190;

It-tieni eċċezzjoni preliminari – il-konvenuta mxiet mad-deċiżjoni tal-Qorti

Mill-provi prodotti rriżulta li l-Qorti tal-Appell permezz tas-sentenza tagħha mogħtija nhar l-14 ta' Diċembru 2018[31] ordnat is-separazzjoni tal-partijiet kontedenti odjerni, ittrattat il-kwistjoni tal-manteniment bejn il-partijiet, ipprovdiet dwar id-dar matrimonjali u qasmet l-assi paraferali, xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti u ordnat id-diviżjoni tal-assi u l-assenjazzjoni tagħhom.

Jidher li kien hemm diverġenzi bejn il-partijiet anke wara li l-kawża bejniethom bin-numru 70/2009 għaddiet in ġudikat, tant illi kellhom jiġu intavolati rikorsi ulterjuri sabiex tiġi eżegwita d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar l-14 ta' Diċembru 2018.

Bħala prova ta' dan, l-intimata resqet kopja tad-digrieti mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)[32] għar-rikorsi ntavolati minnha stess fl-atti proċesswali tal-kawża 70/2009; saħansitra kien hemm ukoll intavolat mandat ta' sekwestru[33] u rikors fl-atti tal-istess mandat ta' sekwestru.[34]

Il-Qorti fliet sew dak li ddeċidiet il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Ottubru 2016, kif varjata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' nhar l-14 ta' Diċembru 2018[35]. Irriżulta li l-Qrati Superjuri f'ebda ħin ma pprovdiet skeda u s-somma globali u aħħarija li kellha titħallas lill-parti u lill-oħra; il-Qorti pprovdiet biss min kellu jieħu xiex; u ma daħlitx fil-konteġġi nnfisihom.

Illi meta wieħed jixtarr dak li l-Qorti tal-Appell ipprovdiet fis-sentenza tagħha suċitata ma kien hemm ebda mument fejn il-Qorti għamlet il-konteġġi hi stess, iżda biss iddikjarat u ddeċidiet dwar l-assenjazzjoni u qsim tal-assi, kemm attivi kif ukoll passivi, bejn il-partijiet.

Fir-rigward tad-digrieti tal-14 ta' Diċembru 2021 u 3 ta' Mejju 2022, li l-konvenuta qiegħda tagħmel riferenza għalihom anke fit-trattazzjoni tagħha,[36] din il-Qorti tosserva li fiż-żewġ rikorsi mressqa ma ġietx ippreżentata l-modalità ta' kif se jsiru l-konteġġi

[31] Fol. 35 sa 58 tal-proċess;
[32] Fol. 31, 32 u 33 tal-proċess;
[33] Fol. 64 sa 106 tal-proċess;
[34] Ġie ppreżentat biss id-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-26 ta' Marzu 2024, a fol 134 sa 138 tal-proċess;
[35] Fol. 155 sa 178 tal-proċess;
[36] Fol. 202 et seq. tal-proċess;

biex isir il-ħlas lil kull parti konsegwenza tal-qasma u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. L-ordni mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar l-14 ta' Diċembru 2021 wara r-rikors tal-15 ta' Ġunju 2021 kienet speċifika sabiex "l-intimat Joseph Spiteri jersaq fuq konvenju għall-bejgħ ta' sehmu mid-dar matrimonjali […] lil ulied il-kontendenti għall-prezz ta' [...] u dan bil-kundizzjonijiet kollha indikati fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018 fil-kawża fl-ismijiet premessi nkluż li mir-rikavat l-ewwel jitħallas id-dejn tal-komunjoni, u dan entro terminu qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti; u (2) taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-istess intimat Joseph Spiteri fuq l-eventwali konvenju f'każ ta' eventwali kontumaċja."

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għad-digriet tal-Qorti tal-Appell li ngħata nhar id-09 ta' Diċembru 2021[37] fejn il-Qorti qalet "Bir-rikors tal-attriċi qiegħda tfittex biex teżegwixxi s-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Sezzjoni Familja tas-27 ta' Ottubru 2016 għal dak li jikkonċerna l-bejgħ tad-dar matrimonjali.[38] Dik il-parti tas-sentenza ġiet konfermata minn din il-qorti b'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2018."

Ikkonsidrat

Illi l-parti tal-bejgħ tad-dar matrimonjali hija limitata għat-trasferiment tal-fond inter vivos b'titolu ta' bejgħ u mhux il-partijiet l-oħra tas-sentenza li jipprovdu għall-qsim u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti sħiħa u assi parafernali.

Illi għalhekk meta l-Qorti tat id-digrieti tagħha tal-14 ta' Diċembru 2021 u 3 ta' Mejju 2022, l-ordnijiet kienu limitati għal dak mitlub mill-konvenuta fil-każ odjern u ċioè li l-attur f'dan il-każ jiġi ordnat jersaq għall-konvenju għall-bejgħ tal-fond Lechuza għas-somma ta' €175,000 u li mir-rikavat l-ewwel jitħallas id-dejn tal-komunjoni.

Illi għalhekk il-Qorti tqis illi t-tieni eċċezzjoni li l-intimata mxiet mad-deċiżjonijiet tal-Qorti ma għandhiex mis-sewwa, u dana stante li l-Qorti Superjuri ma indikatx kif kellhom isiru l-konteġġi biex il-partijiet jaslu għas-somma aħħarija dovuta lil parti jew l-oħra wara jsiru d-debiti ħlasijiet u tpaċijiet, u għalhekk wieħed ma jistax jgħid li l-konvenuta mxiet ma' xi ordni speċifika tal-Qorti dwar kif kellhom isiru l-konteġġi.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti ma hijiex tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari kif imressqa mill-konvenuta.

<u>Dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari – l-attur kien rappreżentat minn kuraturi</u>

[37] Fol. 121 tal-proċess;
[38] Emfasi ta' din il-Qort;i

Illi t-tielet eċċezzjoni mressqa hija li "*l-attur kien rappreżentat minn kuraturi fuq il-kuntratt tat-30 ta' Diċembru 2022 u kull ma għamlu l-istess kuraturi kien jorbot lilu wkoll u għalhekk issa ma jistax jippretendi li jerġa lura minn dak li sar għan-nom tiegħu; għalhekk fl-aħjar ipotesi għall-attur ifisser li l-attur l-anqas għandu interess ġuridiku li jressaq din it-talba, filwaqt li fl-agħar ipotesi għall-attur jista' biss ifisser illi jekk sofra xi telf jew dannu allura" sibi imputet*;

Illi l-Qorti tirreferi għad-digriet tat-3 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ħatret il-kuraturi deputati li rrappreżentaw lill-attur fil-kontumaċja tiegħu.[39]

Illi dan id-digriet kien relatat mat-talbiet kif imressqa permezz tar-rikors tal-konvenuta odjerna tal-15 ta' Ġunju 2021 fl-atti tar-rikors 70/2009.[40]

Konsegwenza ta' hekk il-ħatra tal-kuraturi deputati kienet limitata sabiex jidhru għan-nom ta' Joseph Spiteri f'każ tal-eventwali kontumaċja tiegħu. Mar-rikors ma kienx hemm indikat il-mod kif se jsiru l-konteġġi dwar il-kapijiet l-oħra tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Diċembru 2018, ħlief li l-prezz li kien se jinbiegħ il-fond u li mir-rikavat kellu jitħallas id-dejn tal-komunjoni. Din il-Qorti tosserva li mar-rikors imsemmi tal-15 ta' Ġunju 2021 ma kienx hemm anness il-modalità tal-qsim u ħlasijiet tal-kapi kollha tal-ammonti dovuti lill-partijiet bejniethom.

Illi l-Qorti tosserva li l-kuraturi deputati wettqu l-obbligi li l-Qorti talbithom jagħmlu, u ċioè li jersqu għall-kuntratt ta' bejgħ tal-fond Lechuza għall-valur ta' €175,000 għan-nom ta' Joseph Spiteri, iżda fl-ebda ħin ma kienu ġew obbligati jagħmlu l-konteġġi huma dwar il-ħlasijiet li kellhom isiru a bażi tal-kapi l-oħra tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), u kif kellhom isiru dawn il-konteġġi.

Illi l-kuntratt ta' self, bejgħ u kanċellament innifsu ppublikat min-Nutar Charlene Mizzi nhar it-30 ta' Diċembru 2022,[41] ma daħalx fil-konteġġi li kellhom isiru, iżda biss jindika s-self magħmul mill-akkwirenti, il-bejgħ magħmul mill-kontendenti lill-akkwirenti u l-kanċellament ta' ipoteka li kienet reġistrata a favur Carmen Spiteri.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tara li r-rikorrent mhuwiex qiegħed jattakka l-azzjonijiet tal-kuraturi deputati li wettqu l-obbligi tagħhom kif talbithom il-Qorti, u b'din il-kawża huwa mhux qiegħed jitlob li jitħassru l-azzjonijiet tal-kuraturi deputati li rrappreżentaw l-interessi tiegħu, mhux qiegħed jitlob it-tħassir tal-kuntratt kif ippubblikat, iżda li din

[39] Fol. 31 tal-proċess;
[40] Ġià ċitati fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari;
[41] Fol. 16 et seq. tal-proċess;

il-Qorti teżamina l-konteġġi kif magħmula, u biex din il-Qorti tistudja, tqis u tiddeċiedi jekk il-konteġġi kellhomx isiru bil-mod kif saru mill-konvenuta odjerna jew kellhomx isiru bil-mod kif qiegħed iressaq u jippretendi r-rikorrent permezz ta' din il-kawża.

Illi in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, l-eċċezzjoni kif imressqa mill-konvenuta wkoll m'għandhiex tiġi milqugħa.

Illi l-Qorti tisħaq li l-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati u li dan bl-ebda mod ma jippreġudika l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mill-intimata li dwarhom din il-Qorti għadha trid tiddelibera.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari kif imressqa mill-intimata; b'dan illi kull eċċezzjoni oħra, kif ukoll il-kap tal-ispejjeż jibqgħu impreġudikati bejn il-partijiet; u tordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' din il-kawża.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur